22004D0030

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 30/2004

tad-19 ta' Marzu 2004

li jemenda l-Anness XXI (Statistiċi) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li rranġa l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, iżjed 'l quddiem imsejjaħ "il-Ftehim" u partikolarment l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XXI għall-Ftehim kien emendat bid-deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 14/2004 tas-6 ta' Frar 2004 ([1]).

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1358/2003 tal-31 ta' Lulju 2003 li mplimenta r-Regolament (KE) Nru 437/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar statistiċi ta' rendikont fir-rigward ta' ġarr ta' passiġġieri, merkanzija u posta bl-ajru, u li jemenda l-Annessi I u II tiegħu ([2]) għandu jiġi nkorporat fil-Ftehim.

(3) Din id-deċiżjoni m'għandhiex tapplika għal Liechtenstein,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

L-Anness XXI għall-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej:

1. Dan li ġej għandu jiġi miżjud mal-punt 7h (Regolament (KE) Nru 437/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):

   ", kif emendat bi:

   – **32003 R 1358**: Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1358/2003 tal-31 ta' Lulju 2003 (ĠU L 194, ta' l-1.8.2003, p. 9)."

2. Il-punt li ġej għandu jiġi nkluż wara l-punt 7h (Regolament (KE) Nru 437/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):

   "7i. **32003 R 1358**: Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1358/2003 tal-31 ta' Lulju 2003 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 437/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar statistiċi ta' rendikont fir-rigward ta' ġarr ta' passiġġieri, merkanzija u posta bl-ajru, u li jemenda l-Annessi I u II tiegħu (ĠU L 194, ta' l-1.8.2003, p. 9).

   Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom, għall-iskopijiet tal-Ftehim preżenti, jiġu moqrija bl-adattamenti li ġejjin:

   Din id-deċiżjoni m'għandhiex tapplika għal Liechtenstein."

Artikolu 2

It-testi tar-Regolament (KE) Nru 1358/2003 fil-lingwi Islandiċi u Norveġiżi, li jiġu pubblikati fis-Suppliment ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-20 ta' Marzu 2004, jekk in-notifikazzjonijiet kollha tal-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu saru lil Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

([1]) ĠU L 116, tat-22.4.2004, p. 66.
([2]) ĠU L 194, ta' l-1.8.2003, p. 9.
(*) L-ebda ħtiġijiet kostituzzjonali ma huma indikati.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tkun pubblikata fis-sezzjoni ŻEE u fis-Suppliment ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussel, fid-19 ta' Marzu 2004.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

P. WESTERLUND